MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 232/2013

**James Sammut fil-vesti tieghu ta' Manager Director & Sole Agent tas-socjeta' CC&J Limited (C-52721)**

**vs**

**Silvio Mizzi**
**KI-293190(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi nhar il-15 ta' Marzu, 2012, is-socjeta' attrici kkonsenjat prodotti tax-xaghar u ta' sbuhija lil konvenut fuq ordni ta' l-istess konvenut; Illi apparti l-prodotti tax-xaghar u ta' sbuhija, s-socjeta' attrici kkonsenjat lil konvenut *display stand*; Illi l-prodotti suppliti u l-*stand* huma indikati fl-anness dokument esebit u mmarkat Dok.'A', liema dokument hu ffirmat minn Pauline Farrugia, s-salesperson tas-socjeta' attrici u kontra senjat mill-konvenut; Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet kemm permezz ta'

ittra legali u ittra ufficjali 166A ai termini tal-Kap 12, il-konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi l-konvenut qed jirrispingi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara illi jgib prodotti tax-xaghar u ta' sbuhija minn barra minn Malta, u li beda jissupplixxi lill-konvenut, li ghandu u jiggestixxi *hairdressing salon*, b'dawn il-prodotti. Illi l-attur iddikjara illi l-arrangament li solitament ikollu mal-klijenti tieghu huwa li jikkonsenja l-prodotti *on consignment basis*, u cioe' illi jhallas ghal dawk l-oggetti illi jinbieghu lill-klijenti terzi. Illi kien l-istess attur illi mar fil-hanut tal-konvenut sabiex jgharma l-istand li fuqha gew imqieghda l-prodotti ghall-bejgh, u b'referenza ghall-elenku, ossia fattura, li tinsab *a fol.* 16 tal-atti, ddikjara li kienu hu stess li kkonsenjahom lill-konvenut. Illi wara xi zmien l-attur gie informat mill-konvenut illi ma xtaqx ikompli jbiegh l-prodotti li kien jissuplixxi lill-konvenut, u ghalhekk kienet marret salesgirl, Pauline Fabri, sabiex tghamel elenku tal-prodotti illi kienu nbieghu u dawk li kienu ser jigu ritornati lis-socjeta' attrici. Illi l-istess salesgirl hejjiet lista tal-prodotti li kienu nbieghu mill-konvenut lill-klijenti tieghu, u li ghalhekk kien dovut il-hlas ghalihom. Illi kopja ta' dan id-dokument jinsab esebit *a fol.*19 tal-atti. Illi ghalkemm l-attur talab lill-konvenut f'diversi okkazzjonijiet sabiex ihallsu ta' dawk il-prodotti li

kienu nbieghu, anke permezz ta' pagamenti rateali, il-konvenut baqa' ma wettaqzx il-hlas dovut.

Illi s-salesgirl Pauline Fabri, li hija impjegata mas-socjeta' attrici, iddikjarat illi hi kienet marret fis-*salon* tal-konvenut sabiex tigbor dawk il-prodotti li ma kienux nbieghu minnu, u cioe' dawk li kienu ghadhom fuq l-istand. Illi hi ddikjarat li l-elenku ta' prodotti li jinsab *a fol.*19 tal-atti hejjitu hi, u li l-konvenut qabel mal-kontenut ta' dan id-dokument, u fil-fatt iffirma fuqu. Hi ddikjarat li l-arrangament li jkollhom mas-*salons*, inkluz ukoll mal-konvenut, huwa li l-konsenja tal-prodotti ssir *on consignment*, u ghalhekk ikun dovut biss il-hlas ghal dawk il-prodotti li effettivament jkunu nbieghu, u li f'dan il-kaz, huma dawk rizultanti mill-imsemmi dokument.

Illi l-konvenut, da parti tieghu, jikkontendi illi kien avvicina lis-socjeta' attrici in segwitu ghal rakomandazzjoni li saret minn habib tieghu, u l-ftehim kien illi kien ser jixtri prodotti tax-xaghar *on consignment basis*, filwaqt illi z-zebgha tax-xaghar, kien ser iwettaq il-hlas ghaliha mal-konsenja. Illi hekk gara, u ghaz-zebgha tax-xaghar inharget fattura separata, li tinsab esebita *a fol.*31 tal-atti, u ghal-liema prodotti, il-konvenut wettaq il-hlas immedjatament. Gara pero' illi l-konvenut beda jkollu xi ilmenti minghand il-klijenti tieghu dwar iz-zebgha tax-xaghar, in kwantu l-kulur ma kienx qed izomm sufficjentement u kien qed jiccara, b'mod partikolari l-klur iswed u ahmar. Illi kien ressaq dan l-ilment mas-socjeta' attrici, u gie suggerit lilu minn Pauline Fabri – li kienet *hair colour technician*, u li ddikjarat mieghu li kienet taf b'din il-problema – illi jibda juza toner madwar gimghatejn wara ghal dawk il-klijenti li kienu qed jilmentaw mieghu; madanakollu, il-konvenut deherlu li din il-proposta ma kienitx accettabbli. Illi ghalhekk talab illi s-socjeta' attrici tiehu lura l-prodotti taz-zebgha, ghaliex il-konvenut ma riedx ikompli juzahom. Illi dwar il-prodotti l-ohra tax-xaghar, u li dwarhom il-konvenut kellu ftehim mas-socjeta' attrici li l-hlas ghalihom isir in segwitu ghal bejgh ta' dawn l-oggetti, l-istess konvenut iddikjara li kien kuntent hafna bihom. Il-konvenut ghalhekk ppropona lill-attur illi dan tal-ahhar jiehu l-prodotti taz-zebgha lura, u minflok irodd lura l-prezz

taghhom, jaghtih stock ekwivalenti f'valur fi prodotti tax-xaghar. Madanakollu, ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet in rigward, u ghalhekk meta Pauline Fabri marret sabiex tigbor il-prodotti mis-salon tal-konvenut, hu ma hallashix ghal dawk il-prodotti li kienu nbieghu. Illi dwar iz-zebgha tax-xaghar, il-konvenut iddikjara illi dawn baqghu fil-pussess tieghu, u li kien uza minnhom biss madwar ghaxar-(10) *tubes*. Illi din iz-zebgha tax-xaghar giet ikkonsenjata mill-attur lill-konvenut fid-data tal-*cash sale*, u cioe' fl-1 ta' Dicembru 2011. Illi l-konvenut anke ghamel proposta lill-attur fis-sens illi jkun hemm tpacija bejn il-valur taz-zebgha – li l-konvenut baqa' jinsisti li l-attur kellu jehodhom lura – mal-prezz tal-prodotti tax-xaghar li kienu gew mibjugha, u dan minkejja l-fatt illi l-valur taz-zebgha kien ghola minn dak tal-prodotti tax-xaghar li kienu nbieghu.

Illi l-habib tal-konvenut, Christopher Camilleri, li kien hu li rrakkomanda s-socjeta' attrici lill-istess konvenut ghall-fornitura ta' prodotti tax-xaghar, iddikjara illi kien ikun ta' spiss ghand il-konvenut, u li sema' diversi klijenti tal-konvenut jilmentaw mieghu illi ma kienux sodisfatti bil-kwalita' taz-zebgha tax-xaghar. Illi l-istess gie dikjarat minn Maria Mizzi, omm il-konvenut, li wkoll ntuzat din iz-zebgha tax-xaghar fuqha, u hi ddikjarat illi ma kienitx sodisfatta bil-kwalita' ta' dawn il-prodotti.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' mitejn erbgha u disghin euro u tletin centezmu (€294.30c), liema ammont jirraprezenta l-prezz ta' merkanzija li giet mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenut *on consignment basis*, u liema prodotti l-konvenut biegh lil terzi, u li ghalhekk huwa dovut minnu lis-socjeta' attrici l-prezz ta' dawn l-oggetti. Illi l-konvenut jikkontendi illi hu m'ghandhux ihallas ghal din il-merkanzija mhux ghaliex mhux qed jaqbel mal-kwantita' tal-oggetti li nbieghu, izda ghaliex xtara prodotti ohra minghand is-socjeta' attrici – konsistenti f'zebgha tax-xaghar – illi l-istess konvenut ma kienx kuntent dwar il-kwalita' taghha, u li ghalhekk ried li jrodd dawn il-prodotti

lura lis-socjeta' attrici, u minflok jinghata refuzjoni tal-prezz li hallas ghal din iz-zebgha – liema prodotti hallas ghalihom mal-konsenja – jkun hemm tpacija mal-prezz dovut ghall-prodotti tax-xaghar l-ohra li hu kien ha minghand is-socjeta' attrici fuq bazi ta' *on consignment*, u li ghalihom kien dovut il-hlas.

Illi l-konvenut mhux qed jikkontesta l-lista tal-oggetti li giet imhejjija minn Pauline Fabri, u li kopja taghha tinsab *a fol.*19 tal-atti, la ressaq xi kontestazzjoni dwar il-prezz tal-oggetti rizultanti minn dan id-dokument, u lanqas ma ressaq xi kontestazzjoni dwar il-ftehim li kellu mas-socjeta' attrici dwar il-bejgh ta' dawn il-prodotti; izda l-kontestazzjoni tieghu hija unikament in bazi ghall-fatt illi l-prodotti taz-zebgha tax-xaghar li akkwista minghand is-socjeta' attrici, ma kienitx tal-kwalita' pattwita, u dan peress illi l-klijenti tieghu kienu qed jilmentaw mieghu dwar il-kwalita' tal-istess meta din giet applikata fuq ix-xaghar taghhom. Illi ghalhekk il-konvenut ma riedx ikompli jghamel uzu minn din iz-zebgha, u ried illi jrodd lura dawk il-prodotti taz-zebgha tax-xahar li hu kien xtara minghand is-socjeta' attrici. Illi mill-kumplament, u f'dak li jirrigwarda l-prodotti l-ohra tax-xaghar, u li dwarhom il-konvenut kellu arrangament differenti mas-socjeta' attrici, u cioe' li jhallas lis-socjeta' attrici biss ghal dawk il-prodotti li jkun biegh lill-klijenti tieghu, l-istess konvenut iddikjara li kien kuntent hafna bihom. Tant hu hekk illi anke ppropona illi s-socjeta' attrici tiehu lura l-prodotti taz-zebgha tax-xaghar – liema oggetti kienu jiswew aktar mill-ammont li huwa dovut lis-socjeta' attrici kif rizultanti minn din il-kawza – u li jkun hemm tpacija mal-ammont dovut lill-istess socjeta' attrici. Illi tant il-konvenut ma kienx kuntent bil-prodotti taz-zebgha tax-xaghar, illi kien dispost li jitlef il-flus fuqhom. Illi jidher, pero', illi din il-proposta tal-konvenut ma kientx accettabbli ghas-socjeta' attrici, li pprocediet b'din l-azzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut jikkontendi illi mill-konsenja ta' mija tmienja u tletin-(138) kontenitur taz-zebgha tax-xaghar – liema ammont jirrizulta mid-dokument li jinsab a *fol.*31 tal-atti –

hu kien uza biss madwar ghaxar-(10) *tubes*;  illi ghalhekk jidher illi mill-valur ta’ dawn il-prodotti, li l-konvenut hallas ghalihom hames mija tlieta u sittin ewro (€563.00), l-istess konvenut kien dispost li jirrinunzja ghal parti kbira mill-prezz li hallas ghaz-zebgha tax-xahar, kemm-il darba s-socjeta’ attrici accettat il-proposta tieghu illi jiehu lura dawn l-oggetti.  Illi ghalkemm il-konvenut iddikjara illi dan l-istock kien ghadu kwazi kollu kemm hu ghandu – ghaliex kien uza biss ghaxar-(10) *tubes* minnhom – madanakollu, ma ressaq ebda prova in rigward.  Illi oltre dan, jirrizulta wkoll illi dawn il-prodotti tax-xaghar, u cioe’ z-zebgha tax-xaghar, ghandhom data ta’ skadenza;  illi jsegwi ghalhekk illi din ma tibqax tajba ghall-uzu ghal zmien infint.  Illi fit-trattazzjoni, l-abbli difensur tas-socjeta’ attrici rrilevat illi galadarba dawn l-oggetti baqghu fil-pussess tal-konvenut, u ma gewx depozitati taht l-awtorita’ tal-Qorti, allura dan seta’ kompla juza minnhom u jiddisponi minnhom, oltre l-fatt illi l-konvenut ma ressaqx talba, ossia kontrotalba, ghal refuzjoni tal-prezz ta’ dawn l-oggetti, u ghalhekk ma jistax ikun hemm it-tpacija li dwarha xehed l-istess konvenut u li giet proposta minnu.

Illi fi kwalunkwe kaz, dan it-Tribunal ghandu quddiemu azzjoni dwar talba ghall-hlas ta’ prodotti tax-xaghar li dwarhom ma tressqet ebda kontestazzjoni mill-konvenut illi dawn ma gewx ikkonsenjati mis-socjeta’ attrici lill-istess konvenut, u lanqas ma gie kkontestat illi dawn il-prodotti gew effettivament mibjugha lil terzi, u ghalhekk isegwi illi huwa dovut il-prezz taghhom lis-socjeta’ attrici.  Illi ghalkemm it-Tribunal ma jeskludix illi l-konvenut verament ma kienx sodisfatt biz-zebgha tax-xaghar li giet mibjugha lilu mis-socjeta’ attrici, madanakollu, ma jistax ma jiehux in konsiderazzjoni l-fatt illi l-istess konvenut naqas milli jiehu hu xi forma ta’ azzjoni fil-konfront tas-socjeta’ attrici sabiex il-bejgh ta’ dawk il-prodotti jigi impunjat u mhassar in bazi tal-allegazzjoni avanzata minnu illi dawn il-prodotti ma kienux tal-kwalita’ miftiehma.  Illi kwalunkwe proposta ta’ transazzjoni li setghet saret da parti tal-konvenut, ladarba din ma gietx accettata mis-socjeta’ attrici, m’ghandhix tippregudika u twaqqaf lill-istess socjeta’ attrici milli titlob u tircievi l-hlas ghal dawk il-prodotti li rrizulta li gew mibjugha mill-konvenut. Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-

fehma illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ipprovata, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jakkolji l-istess talba.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' it-talba tal-attur, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn erbgha u disghin ewro u tletin centezmu (€294.30c), bl-imghax kif mitluba.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------